# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli : "nhar 27.12.2013 ghal habta ta 23:50hrs gewwa Triq Bormla, Paola, bħala persuna responsabbli mill-istabbiliment Taboo Bar, Triq Bormla, Paola, ppermettejt mużika li tinstama' minn barra wara l-23:00 u dan bi ksur ta' LN 1/2006 Reg 38(2)(c).

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat, għalkemm irnexxielu jottjeni liċenza sabiex jibqa' miftuħ għan-negozju bejn is-01:00 u l-04:00 ma għandux il-liċenza li jdoqq mużika amplifikata wara l-23:00. Fil-fatt skont ir-regolament 38 tal-Avviż Legali 1 tal-2006 jirriżulta li dawk l-istabbilimenti li ma għandhomx din il-liċenza għad-daqq ta' mużika amplifikata mill-post jistgħu idoqqu mużika amplifikata biss sal-23:00 (u dan dment li ma jikkawżawx inkonvenjent jew disturb lil ġirien tagħhom). Biss l-istess regolamenti jżidu jgħidu espressament li (d) l-operat ta' post kummerċjali liċenzjat biex jiftaħ għall-kummerċ mis-01:00 sal-04:00 ma għandux matul dawk is-siegħat joħloq fastidju jew inkonvenjenza lill-viċini b'xi xorta ta' ħoss li jistema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmula minn ġewwa jew minn barra tal-post.

Il-provi f'dan il-każ, u b'mod partikolari x-xiehda tal-Pulizija PS1030, PC1438 u PC1231 huma estensivi u juru kjarament li l-mużika amplifikata kienet qegħda tindaqq mill-istabbiliment ġestit mill-imputat; u mhux hekk biss talli kienet qawwija tant li kienet tinstama' minn barra l-ħanut minħabba l-volum għoli tagħha; u dan kollu ġara għall-ħabta ta' 23:50. Il-Qorti konvinta minn dak li saħqu l-Aġenti tal-Pulizija fix-

xiehda tagħhom. Il-Qorti tara f'dan il-każ ir-regolament 38(2)(c) tal-Avviż Legali 1 tal-2006 li jippreskrivi s-segwenti :

> **<u>bla ħsara għall-paragrafu (*b*), id-daqq ta' mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li jkun liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li jinstema' minn barra tal-post f'kull żona huwa projbit wara l-11.00 p.m.</u>** u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. u nofs il- lejl fil-lokalitajiet ta' Buġibba, il-Qawra u San Pawl il- Baħar, b'eċċezzjoni għal dawk iż-żoni ġewwa Buġibba, l-Qawra u Paceville, kif stabilit fil-Ħames Skeda, fejn id-daqq ma' jistax jinstema' minn barra tal-post wara s-1.00 a.m.;

Dan ifisser li l-imputat kien qiegħed jikser il-Liġi meta l-mużika li kienet ħierġa mill-istabbiliment tiegħu instemgħet minn barra l-istess stabbiliment.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat ir-regolamenti 13 tal-Avviż Legali 1 tal-2006 (kif ukoll il-paragrafu 10 tat-Tieni Skeda li għalih jagħmel riferenza), ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li għalih jagħmel riferenza l-paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), r-regolamenti 38 u 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' ħames mitt euro (€500) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax il-jum.

*Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja*